Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,603, 13 ta' Marzu, 2026
Taqsima B

A.L. 59 tal-2026

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pubblikazzjoni ta' Ismijiet ta' Ċittadini ta' Malta u Persuni Mċaħħda miċ-Ċittadinanza Maltija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pubblikazzjoni ta' Ismijiet ta' Ċittadini ta' Malta u Persuni Mċaħħda miċ-Ċittadinanza Maltija u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Pubblikazzjoni ta' Ismijiet ta' Ċittadini ta' Malta u Persuni Mċaħħda miċ-Ċittadinanza Maltija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti principali".

L.S. 188.07.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li gej:

"Pubblikazzjoni ta' ismijiet ta' ċittadini Maltin b'reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni.

3. Il-Ministru għandu jippubblika fil-Gazzetta kull sena l-ismijiet tal-persuni kollha li matul it-tnax (12)-il xahar tal-kalendarju preċedenti ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija permezz tar-reġistrazzjoni jew tan-naturalizzazzjoni.".